2. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

   L-applikant għal trade mark għandu jkun kkunsidrat bħala li aġixxa in mala fede meta jirreġistra trade mark sabiex ma jħallix kompetitur ikompli jużaha meta jaf jew għandu jkun jaf fil-mument tar-reġistrazzjoni li l-kompetitur kiseb "dritt miksub" għall-użu ta' trade mark identika jew simili għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili li kapaċi jwasslu għal konfużjoni?

3. Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel jew għat-tieni domanda:

   Il-fatt li aġixxa in mala fede jista' jiġi eskluż meta l-applikant ikun ġa magħruf fil-kummerċ għat-trade mark tiegħu u għalhekk huwa protett skond id-dritt tal-kompetizzjoni?

(1) ĠU L 11 ta' l-14 ta' Jannar 1994, p. 1.

## Rikors imressaq fid-29 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-530/07)**

(2008/C 37/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: S. Pardo Quintillan u G. Braga da Cruz, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— a) tiddikjara li billi r-Repubblika Portugiża ma pprovdietx sistemi ta' ġbir skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE (1), tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi, għall-aggrlomerazzjonijiet ta' Angra do Heroísmo, Bacia do Rio Uima (Fiães de S. Jorge), Costa de Aveiro, Covilhã, Espinho/Feira, Fátima, Ponta Delgada, Ponte de Lima, Póvoa do Varzim/Vila do Conde, Santa Cita, Vila Real de Santo António, Viana do Castelo — Cidade, Vila Real u

b) billi l-ilma urban mormi mill-agglomerazzjonijiet ta' Alto Nabão, Alverca, Bacia do Rio Uima (Fiães de S. Jorge), Carvoeiro, Costa da Caparica/Trafaria, Costa de Aveiro, Costa Oeste, Covilhã, Espinho/Feira, Fátima, Fundão/Alcaria, Lisboa, Matosinhos, Milfontes, Moledo/Âncora/Afife, Nazaré/Famalicão, Pedrógão Grande, Ponta delgada, Ponte de Lima, Póvoa de Varzim/Vila do Conde, Santa Cita, Vila Nova de Gaia/Douro Nordeste, Vila Real de Santo António, Viana do Castelo — Cidade, Vila Franca de Xira, Vila Real, ma kienx suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti, skond l-Artikolu 4 ta' l-istess direttiva,

hija naqset milli twettaq l-obbligi li hija għandha skond l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex l-agglomerazzjonijiet kollha jkollhom sistemi ta' ġbir għall-ilma urban mormi, sal-31 ta' Diċembru 2000 fir-rigward ta' dawk b'ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.) ta' iktar minn 15 000 u sal-31 ta' Diċembru 2005 għal dawk b'numru ta' e.p. bejn 2 000 u 15 000.

L-Artikolu 4 tad-direttiva, min-naħa tiegħu, jipprovdi li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir għandu ma jkun skarikat ikun suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti ieħor kif ġej:

— sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' aktar minn 15 000 e.p.,

— sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' bejnl-10 000 u l-15 000 e.p.,

— sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għal skariki li jispiċċaw f'ilma ħelu u estwarji minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2000 u l-10 000 e.p.

(…)"

(1) ĠU L 135, p. 40.

## Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (L-Awstrija) fid-29 ta' Novembru 2007 — Fachverband der Buch- und Medienwirtschaft vs LIBRO Handelsgesellschaft mbH

**(Kawża C-531/07)**

(2008/C 37/19)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof (L-Awstrija)

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Fachverband der Buch- und Medienwirtschaft

*Konvenuta:* LIBRO Handelsgesellschaft mbH

## Domandi preliminari

1) L-Artikolu 28 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, *fih innifsu,* jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu fuq l-importaturi ta' kotba bil-lingwa Ġermaniża biss l-obbligu li, għall-kotba importati fit-territorju nazzjonali, jistabbilixxu u jpoġġu għall-informazzjoni tal-pubbliku, prezz ta' bejgħ lill-pubbliku ta' natura obbligatorja għall-bejjiegħ finali, fejn dan il-prezz ma jistax ikun inqas, wara t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud, mill-prezz ta' bejgħ lill-pubbliku stabbilit jew propost mill-pubblikatur għall-Istat tal-pubblikazzjoni, jew mill-prezz ta' bejgħ lill-pubbliku propost għat-territorju nazzjonali minn pubblikatur li m'għandux l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fit-territorju ta' Stat firmatarju tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), iżda fejn, b'deroga għal din ir-regola, l-importatur li jixtri, fi Stat li huwa parti miż-ŻEE, bi prezz inqas mill-prezz ta' bejgħ tas-soltu, jista' jistabbilixxi prezz inqas minn dak stabbilit jew propost mill-pubblikatur għall-Istat tal-pubblikazzjoni — fil-każ ta' importazzjonijiet mill-ġdid, il-prezz stabbilit mill-pubblikatur nazzjonali — proporzjonalment mal-profitt kummerċjali miksub?

2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda:

   Il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prezz stabbilit tal-ktieb imsemmija fl-ewwel domanda, fiha nnifisha inkompatibbli ma' l-Artikolu 28 KE — eventwalment, kif ukoll, bħala modalità ta' bejgħ li tippreġudika l-moviment liberu ta' merkanzija —, li l-objettiv tagħha huwa ddefinit b'mod ġenerali ħafna minħabba l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati "l-ispeċifiċità tal-ktieb bħala prodott kulturali, l-interess tal-konsumatur li l-prezzijiet tal-ktieb ikunu raġjonevoli u r-realitajiet ekonomiċi tal-ħwienet tal-kotba", hija ġġustifikata skond l-Artikolu 30 KE jew l-Artikolu 15 KE, per eżempju minħabba interess ġenerali in sostenn tal-produzzjoni tal-kotba, tad-diversità tal-kotba bi prezzijiet regolamentati u tad-diversità tan-negozjanti li jbiegħu bl-imnut — minkejja n-nuqqas ta' informazzjoni empirika li tista' tipprova li sistema legali ta' prezz stabbilit tal-ktieb hija mod xieraq sabiex jintlaħqu l-objjettivi mixtieqa?

3) F'każ ta' risposta negativa għall-ewwel domanda:

   Il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prezz stabbilit tal-ktieb, imsemmija fl-ewwel domanda, hija kompatibbli ma' l-Artikoli 3(1)(g) KE, 10 KE u 81 KE, minkejja li hija segwiet u ssostitwiet, mingħajr interruzzjoni kronoloġika jew fil-mertu, is-sistema preċedenti ta' prezz stabbilit tal-ktieb, ibbażata fuq impenn kuntrattwali tal-ħwienet tal-kotba li jużaw il-prezzijiet stabbiliti mill-pubblikaturi għall-prodotti tal-pubblikazzjoni (sistema ta' Sammelrevers ta' l-1993)?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Oberster Gerichtshof (L-Awstrija) fit-30 ta' Novembru 2007 — Falco Privatstiftung u Thomas Rabitsch vs Gisela Weller-Lindhorst

**(Kawża C-533/07)**

(2008/C 37/20)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

## Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Falco Privatstiftung, Thomas Rabitsch

*Konvenuta:* Gisela Weller-Lindhorst

## Domandi preliminari

1. Kuntratt li bis-saħħa tiegħu l-proprjetarju ta' dritt ta' proprjetà intellettwali jagħti lill-kontroparti l-jedd li juża dan id-dritt (kuntratt ta' konċessjoni) huwa kuntratt rigward "provvista ta' servizzi" fis-sens ta' l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ir-Regolament ta' Brussell 1)? [1]

2. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

   2.1 Is-servizz huwa pprovdut f'kull post fi Stat Membru fejn l-użu tad-dritt huwa permess taħt il-kuntratt u dan fil-fatt iseħħ?

   2.2 Jew inkella huwa s-servizz ipprovdut fil-post tad-domiċilju jew, jekk ikun il-każ, fil-post fejn tinsab l-amministrazzjoni ċentrali, ta' dak li jagħmel il-konċessjoni?

   2.3 Jekk ir-risposta għad-domanda 2.1 jew għad-domanda 2.2 tkun fl-affermattiv, il-qorti kompetenti għandha wkoll is-setgħa li tiddeċiedi dwar id-drittijiet ta' l-awtur li jirriżultaw mill-użu tad-dritt fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz?

3. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda, jew għad-domanda 2.1 u 2.2 tkun fin-negattiv: Għandha l-ġurisdizzjoni rigward ħlas ta' drittijiet ta' l-awtur taħt l-Artikolu 5(1)(a) u (ċ) tar-Regolament ta' Brussell 1 tibqa' tiġi stabbilita skond il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali (il-Konvenzjoni ta' Brussell)?

(1) ĠU L 12, p. 1.